

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1042

tat-30 ta' Ġunju 2015

**li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 250/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika strutturali kummerċjali, f'dak li jikkonċerna l-addattament tal-format tekniku wara r-reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-prodotti skont l-attività (KPA)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar statistika strutturali kummerċjali (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 jistabbilixxi qafas komuni għall-ġbir, it-trażmissjoni u l-valutazzjoni ta' statistika Ewropea fuq l-istruttura, l-attività, il-kompetittivitā u r-rendiment tan-negozji fl-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²) jistabbilixxi klassifikazzjoni statistiska ġidha tal-prodotti skont l-attività (KPA) biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-istatistika fl-Unjoni.
- (3) L-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 (³)jispeċifika l-format tekniku u t-tikketti ta' ċerti prodotti biex id-dejta tkun trażmessha abbażi tal-KPA.
- (4) Wara li daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1209/2014 (⁴) jenħtieġ li jiġi addattat l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 250/2009 f'dak li jikkonċerna t-tikketti ta' ċerti prodotti biex id-dejta tīgi trażmessha abbażi tal-KPA biex tinżamm il-komparabbiltà u l-konsistenza mal-standards tal-klassifikazzjoni tal-prodotti li jintużaw fl-livell internazzjonali.
- (5) Għalhekk l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 250/2009 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 250/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 13.

(²) Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġidha tal-prodotti skont l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3696/93 (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65).

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 250/2009 tal-11 ta' Marzu 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' karakteristiċi, il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta, ir-rekwiżiti tar-rappurtar doppju għan-NACE Rev.1.1 u n-NACE Rev.2 u d-derogi li għandhom jingħataw għall-istatistika strutturali tan-negozji (ĠU L 86, 31.3.2009, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1209/2014 tad-29 ta' Ottubru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġidha tal-prodotti skont l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3696/93 (ĠU L 336, 22.11.2014, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

ANNESS

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 250/2009 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-punt 4.2 “Unità Territorjali”, il-kodiċi “GR” għall-Greċċa huwa sostitwit minn “EL”
  2. Fil-punt 4.9 “Unitajiet ta’ valuri tad-dejta”, fit-tabella tinżied unità ġidida “Metri Kwadri” bil-kodiċi “M2”.
  3. Fil-punt 4.10 “Tqassim ta’ prodotti”, it-tabella hija emendata kif ġej:
    - (a) għall-prodott bil-kodiċi 63 12 l-entrata “Kontenut ta’ portal tal-Internet” hija ssostitwita minn “Servizzi ta’ portal tal-Internet”.
    - (b) għall-prodott bil-kodiċi 73 11 13 l-entrata “Disinn tar-reklamar u żvilupp tal-kunċett” hija ssostitwita minn “Servizzi ta’ żvilupp tal-kunċetti ta’ reklamar”
    - (c) l-entrata tal-prodott bil-kodiċi 70 22 4 “Trademarks u franchises” tħassret.
    - (d) għall-prodott bil-kodiċi 71 11 24, l-entrata “Servizzi konsultattivi arkitettoniċi” hija sostitwita minn “Servizzi konsultattivi arkitettoniċi għall-proġetti tal-bini”
-